



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.5.2018
COM(2018) 293 final

ANNEX 2

ANNESS

tal-

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

EWROPA ATTIVA

Mobbiltà Sostenibbli għall-Ewropa: sikura, konnessa u nadifa

ANNESS 2 — Pjan ta' Azzjoni strateġiku dwar il-Batteriji

I. Kuntest ta' politika

L-iżvilupp u l-produzzjoni tal-batteriji huma strateġikament importanti għall-Ewropa fil-kuntest tat-tranżizzjoni tal-enerġija nadifa u huma komponent ewlieni tal-kompetittività fis-settur tal-karozzi tagħha.


F'Ottubru 2017, il-Kummissjoni Ewropea nediet il-pjattaforma ta' kooperazzjoni l-**“Alleanza Ewropea għall-Batteriji”**¹ flimkien mal-partijiet ikkonċernati industrijali ewlenin, mal-Istati Membri interessati u mal-Bank Ewropew tal-Investiment.

L-isfida immedjata biex jinħoloq ambjent kompetittiv u sostenibbli għall-industrija tal-manifattura tal-batteriji fl-Ewropa hija enormi, u li l-Ewropa għandha timxi b'pass mgħaġġel f'din it-tellieqa dinjija. Skont ċerti previżjonijiet, mill-2025 'il quddiem, l-Ewropa tkun tista' toħloq suq ta' batteriji sa EUR 250 biljun fis-sena, moqdi b'minn tal-inqas 10 sa 20 Gigafabbriki (faċilitajiet ta' produzzjoni bil-massa taċ-ċelloli tal-batteriji)² biex ikopru d-domanda tal-UE. Minħabba l-iskala u l-veloċità ta' investment meħtieġ, din l-isfida strateġika ma tistax tiġi ttrattata b'mod frammentarju.

B'dan il-Pjan ta' Azzjoni Strateġiku, il-Kummissjoni għandha l-għan li tpoġġi lill-Ewropa fuq triq soda lejn tmexxija f'industrija ewlenija għall-futur, għall-promozzjoni tal-impjiegi u tkabbir f'ekonomija ċirkolari, filwaqt li jkunu żgurati mobilità nadifa, ambjent imtejjeb u kwalità tal-ħajja għaċ-ċittadini tal-UE.

Il-Kummissjoni qed tippromwovi **approċċ Ewropew integrat u transfruntier** li jkopri l-**katina ta' valuri kollha kemm huma** tal-ekosistema tal-batteriji, u li jiffoka fuq is-**sostenibbiltà**, filwaqt li jibda bl-estrazzjoni u l-ipproċessar ta' materja prima, il-faзи ta' tfassil u manifattura taċ-ċelloli tal-batteriji u l-pakketti ta' batteriji, l-użu tagħhom, l-użu mill-ġdid tagħhom, ir-riċiklaġġ u r-rimi fil-kuntest ta' ekonomija ċirkolari.

Katina ta' Valuri tal-Batteriji



¹ https://ec.europa.eu/growth/industry/policy/european-battery-alliance_en

² Sors: Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT), Inno-energy <http://www.innoenergy.com/>

Tali approċċ se jippromwovi l-produzzjoni u l-użu ta' batteriji bi prestazzjoni għolja u jistabbilixxi parametri referenzjarji ta' sostenibbiltà tul il-katina kollha ta' valuri.

Dan il-Pjan ta' Azzjoni Strateġiku ġie żviluppat f'konsultazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati inklużi mal-industrija u mal-Istati Membri fil-qafas tal-“Alleanza Ewropea tal-Batteriji”, u jibni fuq approċċ immexxi mill-industrija li permezz tiegħu l-atturi tal-industrija tal-UE adottaw u bdew jimplimentaw azzjonijiet fil-mira³

Dan il-Pjan ta' Azzjoni Strateġiku jgħaqqad flimkien il-miżuri fil-mira fil-livell tal-UE inkluż f'dak li għandu x'jaqsam mal-materja prima (primarja u sekondarja), ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-finanzjament / l-investment, l-istandardizzazzjoni / ir-regolamentazzjoni, l-iżvilupp tal-kummerċ u l-ħiliet, sabiex **l-Ewropa ssir mexxejja dinjija fil-produzzjoni u fl-użu sostenibbli tal-batteriji, fil-kuntest tal-ekonomija ċirkolari.**

B'mod aktar speċifiku l-għanijiet tiegħu huma li:

- **jaċċerta l-aċċess għall-materja prima** minn pajjiżi b'ħafna riżorsi barra l-UE, jiffaċilita l-aċċess għas-sorsi Ewropej ta' materja prima, kif ukoll jaċċessa **materja prima sekondarja** permezz tar-riċiklaġġ f'ekonomija ċirkolari ta' batteriji;
- **jappoġġa l-manifattura taċ-ċelloli tal-batteriji fuq skala kbira u katina ta' valur kompetittiv sħiħ fl-Ewropa:** iġib l-atturi ewlenin tal-industrija u l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali flimkien; jaħdem fi sħubija mal-Istati Membri u mal-Bank Ewropew tal-Investment biex jappoġġa proġetti innovattivi tal-manifattura b'dimensjonijiet transfontiera u ta' sostenibbiltà importanti tul il-katina ta' valuri tal-batteriji;
- **isaħħaħ it-tmexxija industrijali permezz ta' riċerka u innovazzjoni mtejbaj** appoġġa t-teknoloġiji avvanzati (pereżempju l-Lithium-ion (il-jone tal-litju)) u rivoluzzjonarji (e.g. batteriji b'elettrolit solidu) fis-settur tal-batteriji. Dan għandu jkollu fil-mira s-sostenn fil-passi kollha tal-katina ta' valuri (il-materji avvanzati, il-kimiki l-ġodda, il-proċessi ta' manifattura, is-sistemi għall-ġestjoni tal-batteriji, ir-riċiklaġġ, l-innovazzjonijiet fil-qasam tal-mudelli kummerċjali), jintegra mill-qrib mal-ekosistema industrijali u jikkontribwixxi biex jiġihaffu l-implimentazzjoni u l-industrijalizzazzjoni tal-innovazzjonijiet;
- **jiżviluppa u jsaħħaħ forza tax-xogħol b'ħiliet għolja fil-partijiet kollha tal-katina ta' valuri tal-batteriji** sabiex dejjem aktar tiċkien id-differenza fil-ħiliet permezz ta' azzjonijiet f'livell tal-UE u tal-Istati Membri, jipprovdi taħriġ adegwat, it-tagħlim ta' ħiliet ġodda u t-titjib tal-ħiliet u t-tiswir ta' Ewropa bħala lokalità attraenti għall-esperti fuq livell dinji fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' batteriji;
- **jappoġġa s-sostenibbiltà tal-industrija tal-manifattura taċ-ċelloli ta-batteriji fl-UE bl-impronta ambjentali l-aktar baxxa possibbli**, pereżempju bl-użu ta' enerġija rinnovabbli fl-proċess tal-produzzjoni. Jenħtieġ li dan l-għan jiġi implimentat b'mod partikolari permezz tal-istabbiliment ta' rekwiżiti għall-produzzjoni sikura u sostenibbli ta' batteriji;

³ Aktar minn 120 attur tal-industrija u tal-innovazzjoni hađu sehem f'dan l-eżerċizzju u kollettivament approvaw rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet prijoritarji, li qed jiġu implimentati. <http://www.innoenergy.com/eit-innoenergys-role-within-the-european-battery-alliance/>

- **jiżgura l-konsistenza mal-qafas usa' ta' referenza u ta' regolmentazzjoni**⁴ (Strateġija ta' Enerġija Nadifa, Pakketti ta' Mobbiltà, il-Politika ta' Kummerċ tal-UE, eċċ.) favur l-implimentazzjoni tal-batteriji u s-soluzzjonijiet ta' ħżin.

II. Żoni ta' Azzjoni Strateġika

1. Provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima

L-istrateġija tal-materja prima tal-UE għandha fil-mira l-provvista sigura tal-aċċess għall-materja prima għall-ekonomija tal-UE.⁵ Il-politika li ngħatat spinta għalha fl-2012 bit-tneġġija tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar il-Materja Prima hija msejsa fuq: (1) il-forniment sostenibbli ta' materja prima mis-swieq dinjija; (2) il-produzzjoni sostenibbli ta' materja prima domestika; u (3) l-effiċjenza tar-riżorsi u l-provvista ta' materja prima sekondarja. F'Settembru 2017, il-Kummissjoni adottat strateġija ta' politika industrijali mgeġġenja tal-UE li enfazzizza l-importanza tal-materja prima b'mod partikolari l-materja prima kritika, għall-kompetittività tal-ktajjen ta' valuri industrijali kollha għall-ekonomija tal-UE.⁶

Għalhekk l-UE trid tiżgura aċċess sikur għall-ktajjen ta' provvista tal-materja prima għall-batteriji. Il-jone tal-litju huwa attwalment il-kimika prinċipali tal-għażla għall-elettromobbiltà u se jiddomina s-suq fis-snin li ġejjin. Diversi tipi ta' materja prima huma meħtieġa fil-batteriji tal-jone tal-litju, inklużi l-litju, in-nikil, il-manganiż, il-grafit, is-silikon ir-ram u l-aluminju. Il-provvista ta' wħud minn dawn it-tipi ta' materja prima, b'mod partikolari l-kobalt, il-grafit naturali u l-litju, hija waħda ta' tħassib llum u għall-ġejjieni minħabba l-kwantitajiet kbar meħtieġa u / jew is-sorsi ta' provvista kkonċentrati ħafna. Is-sostenibbiltà tal-estrazzjoni u l-isfruttament ta' dawn ir-riżorsi hija fundamentali u r-riċiklaġġ ta' materji se jsir dejjem aktar importanti fid-diversifikazzjoni tal-provvista tal-UE u jenħteġ li jiġi inkoraġġut fil-kuntest tat-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari⁷.

Jenħteġ għalhekk li l-UE tiżgura l-aċċess għall-materja prima minn pajjiżi li huma sinjuri fir-riżorsi barra l-UE, filwaqt li tingħata spinta lill-produzzjoni primarja u sekondarja minn sorsi Ewropej. Jenħteġ ukoll li tippromwovi l-ekodisinn, is-sostituzzjoni u użu aktar effiċjenti ta' materja kritika tal-batteriji, l-użu mill-ġdid tal-batteriji u r-riċiklaġġ tagħhom.

Azzjonijiet Ewlenin

Il-Kummissjoni:

- se tibni fuq il-lista tal-UE ta' Materja Prima Kritika, stabbilita fl-2017, sabiex tfassal id-disponibbiltà tal-materja prima primarja attwali u futura għall-batteriji; tivvaluta l-potenzjal fl-UE f'dak li għandu x'jaqşam ma' provvista ta' materja prima għall-batteriji li

⁴ Strateġija ta' Enerġija Nadifa għall-Ewropej Kollha: COM(2016) 860; Strateġija għal Mobbiltà b'Emissjonijiet Baxxi COM(2016) 501; Ewropa Attiva — Il-Pakkett I dwar il-Mobbiltà: COM(2017) 283; Pakkett dwar il-Mobbiltà II: COM(2017) 675.

⁵ COM(2008) 699. Ara wkoll id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jmiss tar-Rapport dwar il-Materja Prima għall-Applikazzjonijiet tal-Batteriji.

⁶ Strateġija mgeġġenja għall-Politika Industrijali tal-UE. COM(2017) 479.

⁷ Jeżisti pereżempju, fattur li jnaqqas ir-riskji fil-valutazzjoni tar-riskju tal-provvista tal-metodu ta' valutazzjoni ta' kritiċità (ir-rapport JRC, 2017, <https://publications.europa.eu/s/gcBP>).

tinkludi l-Kobalt (il-Finlandja, Franza, l-Isvezja u s-Slovakkja), il-Litju (l-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, il-Finlandja, l-Irlanda, il-Portugall, Spanja, u l-Isvezja), il-Grafit Naturali (l-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, is-Slovakkja u l-Isvezja), in-Nikil (l-Awstrija, il-Finlandja, Franza, il-Greċja, il-Polonja, Spanja u r-Renju Unit); tivvaluta l-potenzjal fl-UE kollha għal sorsi ta' materja prima sekondarja; tippreżenta rakkomandazzjonijiet bl-għan li tottimizza l-provvista tal-materja prima tal-batteriji fl-UE. [Q4 2018]

- se tuża l-istrumenti kollha tal-politika kummerċjali xierqa (bħal l-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles) biex jiġi żgurat aċċess ġust u sostenibbli għall-materja prima f'pajjiżi terzi u tippromwovi tħaffir fil-minjieri responsabbli mil-lat soċjali. [għaddej bħalissa]
- se tappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni bl-għan ta' produzzjoni kosteffettiva, sostituzzjoni u l-użu aktar effiċjenti ta' materja prima kritika għal batteriji, bil-ħsieb li jiġu żviluppati standards (irreferi għaż-żona 5 ta' azzjoni strateġika hawn taħt). [2018-2020]
- se tniedi djalogu mal-Istati Membri, permezz tal-Grupp dwar il-Provvista tal-Materja Prima u l-Grupp ta' Tmexxija ta' Livell Għoli tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar il-Materja Prima (European Innovation Partnership, EIP dwar il-Materja Prima), sabiex tiġi ddeterminata l-idoneità tal-politiki tal-materja prima tagħhom, il-kodiċijiet u l-inċentivi tal-estrazzjoni għall-esplorazzjoni biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet strateġiċi tal-materji għall-batteriji. tippreżenta r-riżultati ta' dan l-eżerċizzju waqt il-Konferenza ta' Livell Għoli tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar il-Materja Prima f'Novembru 2018. [Q4 2018]

2. Appoġġ għal proġetti li jkopru segmenti differenti fil-katina ta' valuri tal-batteriji, inkluża l-manifattura taċ-ċelloli

L-“Alleanza Ewropea tal-Batteriji” qed tinbidel b'mod rapidu. Sa mit-tnedija tagħha f'Ottubru 2017, diġà kien hemm żviluppi tanġibbli bit-tħabbir ta' konsorzji industrijali jew sħubijiet li jimmiraw lejn l-iżvilupp ta' manifattura ta' ċelloli tal-batteriji u ekosistemi relatati. Biex din tibqa' l-Leader dinjija għall-manifattura u l-innovazzjoni tas-settur awtomobilistiku, tenħtieġ azzjoni – li diġà qed titwettag - biex tiżdied il-manifattura taċ-ċelloli tal-batteriji fl-Ewropa, u li s-segmenti l-oħra tal-katina ta' valuri tal-batteriji jkomplu jiżviluppaw u jissaħħu (pereżempju l-materji, il-makkinarju u l-proċessi tal-manifattura, is-sistemi ta' ġestjoni tal-batteriji, eċċ.), bħala parti minn ekosistema kompetittiva u integrata.

L-Istati Membri u l-industrija appellaw lill-Kummissjoni biex tkompli taġixxi bħala faċilitatur f'li tlaqqa' flimkien l-atturi ewlenin tal-industrija u biex tappoġġa l-proġetti b'dimensjoni transfruntiera importanti u li jintegraw l-elementi differenti tal-katina ta' valuri tal-batteriji.

Azzjonijiet Ewlenin

Il-Kummissjoni:

- se tkompli l-ħidma ta' sħubija tagħha mal-partijiet ikkonċernati kollha fil-katina ta' valuri tal-batteriji biex tippromwovi u tiffaċilita l-proġetti fuq skala kbira li jwasslu għall-manifattura tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' batteriji, u biex tistabbilixxi katina ta' valuri tal-batteriji fl-Ewropa li tkun innovattiva, integrata, sostenibbli u kompetittiva. [2018-2019]
- se timpenja ruħha fi djalogu regolari mal-Istati Membri rilevanti biex tesplora modi effiċjenti biex tapoġġa b'mod konġunt il-proġetti ta' manifattura innovattivi li jmorru lil hinn mill-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u tiġbor bl-aħjar mod ir-riżorsi nazzjonali u tal-

UE għal dan il-għan. Dan jista' pereżempju jieħu l-forma ta' Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni⁸. [Q4 2018]

- se tkompli taħdem mill-qrib mal-Istati Membri interessati u mal-Bank Ewropew tal-Investment biex ipoġġu għad-dispożizzjoni l-fondi jew il-finanzjament pubbliku għal proġetti tal-manifattura taċ-ċelloli tal-batteriji sabiex l-investment fis-settur privat jiġi inċentivat, sfruttat u jitneħħielu r-riskju. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se tikkordina l-istrumenti differenti ta' finanzjament disponibbli (pereż. il-Bank Ewropew tal-Investment⁹, il-Proġetti ta' Dimostrazzjoni fil-Qasam tal-Enerġija InnovFin¹⁰, Orizzont 2020¹¹, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali¹², il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi¹³, il-Fond għall-Innovazzjoni¹⁴), iżżid is-sensibilizzazzjoni dwarhom u tiffaċilita l-aċċess għalihom bħala sostenn għall-proġetti ta' implimentazzjoni innovattiva relatati mal-batteriji, inklużi linji pilota u l-implimentazzjoni fuq skala kbira ta' teknoloġiji l-aktar avvanzati. Dan se jinkludi sessjonijiet ta' informazzjoni trasparenti u inklużivi dwar il-kriterji ta' eliġibbiltà għal dawn l-istrumenti lil daww il-kumpaniji u l-Istati Membri b'interess stabbilit fil-qasam. [2018-2019]
- wara talba mir-reġjuni interessati u f'kooperazzjoni mal-Istati Membri rilevanti, se tiffaċilita l-iżvilupp ta' "sħubija interreġjonali f'dak li għandu x'jaqsa mal-batteriji" fil-qafas tal-pjattaformi tematiċi eżistenti ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti dwar l-enerġija jew il-modernizzazzjoni industrijali¹⁵. [Q1 2019]
- se taħdem mill-qrib flimkien mal-Istati Membri u r-reġjuni rilevanti biex talloka l-finanzjament disponibbli għar-riċerka u l-innovazzjoni skont il-Politika ta' Koeżjoni (2014–2020: EUR 44 biljun) li jistgħu jintużaw *fost affarijiet oħra* għall-batteriji¹⁶. [2018-2020]
- se tistabbilixxi, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Bank Ewropew tal-Investment, portal iddedikat għall-finanzjament ta' batteriji (ċentru ta' investment uniku) biex jiffaċilita l-aċċess tal-partijiet ikkonċernati għal appoġġ finanzjarju xieraq u jassisti f'kull taħlita ta' strumenti finanzjarji. [Q4 2018]

⁸ Proġetti importanti ta' Interess Ewropew Komuni huma proġetti li jinvolvu aktar minn Stat Membru wieħed li jikkontribwixxi għall-oġġettivi strateġiċi tal-Unjoni u li jipproduċi effetti konwegwenzjali pożittivi fuq l-ekonomija Ewropea u s-soċjetà kollha kemm hi. Fil-każ tal-proġetti ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni, dawn iridu jkunu ta' natura innovattiva ewlenija, li jmorru lil hinn mill-ogħla livell ta' żvilupp tekniku fis-setturi kkonċernati – ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2014/C 188/02 ta' Mejju 2014.

⁹ <http://www.eib.org/>

¹⁰ <http://www.eib.org/products/blending/innovfin/products/energy-demo-projects.htm>

¹¹ <https://ec.europa.eu/programmes/horizon2020/>

¹² http://ec.europa.eu/regional_policy/mt/funding/erdf/

¹³ http://ec.europa.eu/growth/industry/innovation/funding/efsi_mt

¹⁴ Il-Fond għall-Innovazzjoni stabbilit bl-Iskema tal-UE għan-Negożjar ta' Emissjonijiet għandu l-għan li jappoġġa proġetti ta' dimostrazzjoni innovattivi li huma l-ewwel ta' din ix-xorta fil-qasam tal-ħżin tal-enerġija, l-innovazzjoni f'teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju fis-setturi industrijali, il-għir u l-ħżin tal-karbonju ambjentalment sigur u s-sorsi ta' enerġija rinnoabbli innovattivi. Dan il-Fond se jinħoloq permezz tal-bejgħ ta' 450 miljun kwota ta' emissjonijiet skont l-Iskema tal-UE għan-Negożjar ta' Emissjonijiet, li jista' jirrappreżenta EUR 4,5 biljun bil-prezz ta' EUR 10 għal kull kwota jew EUR 11-il biljun bil-prezz ta' EUR 25 għal kull kwota. L-ewwel sejħa hija ppjanata għall-2020.

¹⁵ <http://s3platform.jrc.ec.europa.eu/>

¹⁶ 121 Strateġija ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti ġew żviluppati fi proċess minn isfel għal fuq ibbażat fuq l-involviment wiesa' tal-partijiet ikkonċernati. L-EUR 44 biljun li jistgħu jiġu allokati permezz ta' dawn l-Istrateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti jikkumplimentaw madwar EUR 70 biljun mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali biex jappoġġaw is-settur tat-trasport dekarbonizzat u b'użu effiċjenti tal-enerġija. Huma jgħinu fl-użu tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u jiġġeneraw riżerva ta' proġetti industrijali approvati bis-saħħa tal-kooperazzjoni interreġjonali, tal-parteċipazzjoni tar-raggruppamenti u tal-involviment tal-industrija. [Q1 2019].

- b'mod aktar ġenerali, se tinkoraġġixxi l-investituri privati tul il-katina ta' valuri biex jagħmlu użu sħiħ mill-possibbiltajiet disponibbli permezz ta' finanzjament sostenibbli kif stabbilit fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar il-finanzjament tat-tkabbir sostenibbli¹⁷. [2018-2019]

3. It-tisħiħ tar-rwol tat-tmexxija industrijali permezz ta' aktar appoġġ min-naħa tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni li jkopri l-katina kollha ta' valuri

Sabiex il-vantaġġ kompetittiv Ewropew ikompli jikber, jenħtieġ li r-riżorsi sinifikanti jkollhom fil-mira tagħhom l-appoġġ lejn ir-riċerka u l-innovazzjoni kostanti inkriminali (pereżempju l-jone tal-litju avvanzat) u rivoluzzjonarji (batteriji b'elettrolit solidu). Jenħtieġ li titwettagħ riċerka f'materja avvanzata (primarja u sekondarja, jiġifieri riċiklata), fil-kimiki użati fil-batteriji, fil-proċessi ta' manifattura avvanzata, fir-riċiklaġġ, u fl-użu mill-ġdid tagħhom. Jenħtieġ li dan ikun konness mal-ekosistema industrijali tal-katina ta' valuri sabiex jaċċellera l-industrijalizzazzjoni tal-innovazzjonijiet tal-UE.

Azzjonijiet Ewlenin

Il-Kummissjoni:

- f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri se tagħmel disponibbli, fondi għar-riċerka u l-innovazzjoni (H2020¹⁸) għal proġetti ta' innovazzjoni relatati mal-batteriji, skont il-prijoritajiet ta' riċerka identifikati minn qabel fuq terminu qasir u terminu itwal, tul il-katina ta' valuri tal-batteriji¹⁹. Jenħtieġ li dan jinkludi wkoll proġetti innovattivi ta' implimentazzjoni, inklużi linji pilota għall-produzzjoni tal-batteriji u għall-ipproċessar ta' materja prima primarja / sekondarja. [2018-2020]
- se tniedi sejħiet fl-2018 u l-2019 għal propositi għal ammont totali ta' EUR 110 miljun għal proġetti ta' riċerka u ta' innovazzjoni relatati mal-batteriji (minbarra EUR 250 miljun diġà allokati għal batteriji taħt Orizzont 2020; flimkien ma' EUR 270 miljun li għandhom jiġu allokati b'sostenn għall-proġetti ta' grilji intelliġenti u ta' ħżin ta' enerġija kif imħabbar fil-pakkett Ewropew Enerġija Nadifa għal Kulhadd²⁰. [2018-2019]
- se tappoġġa l-ħolqien ta' Pjattaforma Ewropea tat-Teknoloġija u l-Innovazzjoni biex tavvanza l-prijoritajiet tar-riċerka tal-batteriji, tiddefinixxi l-viżjonijiet fit-tul, u telabora aġenda ta' riċerka strateġika u pjanijiet direzzjonali. It-tmexxija ta' Pjattaforma Ewropea tat-Teknoloġija u l-Innovazzjoni se tkun f'idejn il-partijiet ikkonċernati industrijali, il-

¹⁷ https://ec.europa.eu/info/publications/180308-action-plan-sustainable-growth_en

¹⁸ Ammont addizzjonali ta' EUR 110 miljun huwa disponibbli speċifikament għal proġetti ta' riċerka u ta' innovazzjoni tal-batteriji fil-programm qafas Orizzont 2020. Madwar EUR 200 miljun se jkunu allokati speċifikament għar-riċerka u l-innovazzjoni tal-batteriji bejn l-2018-2020, flimkien ma' kważi EUR 150 miljun li diġà ntefqu taħt Orizzont 2020. Il-pakkett "Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha" ħabbar li għandhom jiġu allokati EUR 270 miljun bħala appoġġ għal proġetti ta' ħżin u ta' grilji intelliġenti, li huma wkoll mistennija jkun fihom komponenti sostanzjali relatati mal-batteriji.

¹⁹ Mil-lum, dawn huma msejsa fuq il-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija - Azzjoni 7 tal-Pjan ta' Implimentazzjoni <https://setis.ec.europa.eu/batteries-implementation>, il-konklużjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Ewropew tar-Riċerka u l-Innovazzjoni dwar il-Batteriji tal-Kummissjoni Ewropea (id-DĠ tar-Riċerka u l-Innovazzjoni), li sar fil-11-12 ta' Jannar 2018 iffoka fuq l-ipprogrammar ta' finanzjament addizzjonali tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni tal-batteriji taħt H2020, u l-pjan direzzjonali tal-Aġenda Strateġika għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fit-Trasport dwar l-elettrifikazzjoni tat-trasport (SWD(2017) 223 tal-31 ta' Mejju 2017).

²⁰ Proġetti ta' grilji intelliġenti u ta' ħżin huma mistennija li jinkludu komponenti sostanzjali relatati mal-batteriji. Barra minn hekk, il-JRC għandu proġett iddedikat dwar batteriji għall-ħażna tal-enerġija primarjament għall-applikazzjonijiet fis-settur tat-trasport.

komunità tar-riċerka u l-Istati Membri, filwaqt li s-servizzi tal-Kummissjoni se jappoġġaw l-istabbiliment ta' proċess u se jikkontribwixxu fl-oqsma ta' responsabbiltà rispettivi tagħhom. [Q4 2018]

- se tneji t-tmedija tal-inizjattiva Ewlenija ta' riċerka fuq skala kbira dwar it-Teknoloġiji Futuri u Emerġenti, li tista' tappoġġa r-riċerka fit-tul fir-rigward tat-teknoloġiji avvanzati tal-batteriji għall-perjodu 2025 +. Dawn l-inizjattivi Ewlenin ta' Teknoloġiji Futuri u Emerġenti jibqgħu għaddejjin tipikament fuq perjodu ta' 10 snin b'appoġġ globali ta' madwar EUR 1 biljun, kofinanzjati mill-baġit tal-UE²¹. [Q4 2018]
- se tappoġġa l-innovazzjoni rivoluzzjonarja għall-ħolqien tas-swieq f'oqsma bħall-batteriji permezz tal-iskema pilota tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni.²² Tqiegħed għad-dispożizzjoni baġit ta' EUR 2,7 biljun għall-2018-2020 biex jagħti appoġġ lil 1 000 proġett potenzjalment rivoluzzjonarju u lil 3 000 premju ta' fattibbiltà. Din l-iskema pilota tista' tkun ta' għajna għat-teknoloġija rivoluzzjonarja tal-batteriji (mistennija li tkun parti minn proġetti għall-applikazzjonijiet fis-setturi tat-trasport, l-enerġija, il-manifattura eċċ.). [2018-2020]
- se tagħmel l-aħjar użu mis-soluzzjonijiet għall-integrazzjoni ta' ħżin stazzjonarju u ta' vetturi elettriċi fil-grilja li tinsab fin-netwerk intelliġenti ta' Orizzont 2020 u l-proġetti ta' hżin²³ kif ukoll proġetti ta' Bliet u Komunitajiet Intelliġenti.²⁴ se tippromwovi soluzzjonijiet għall-integrazzjoni b'suċċess ta' batteriji b'potenzjal ċar ta' riproduzzjoni li se ssir parti mill-pjattaforma ta' pariġġar li qed titnieda mis-Sħubija Ewropea ta' Innovazzjoni dwar Bliet u Komunitajiet Intelliġenti (pjattaforma ta' pariġġar bejn l-ibliet, in-negozji, il-banek, l-investituri u l-promoturi ta' proġetti). [2018-2019]
- se tibni fuq l-esperjenza tal-Inizjattivi tat-Teknoloġija Magħquda u tal-Komunitajiet ta' Għarfien u tal-Innovazzjoni tal-Instituzzjoni Ewropew tat-Teknoloġija biex tesplora l-fattibbiltà u l-idoneità ta' forum differenti ta' sħubiji pubbliċi-privati, inklużi għall-iżvilupp tal-batteriji²⁵. [2020-]

4. L-iżvilupp u t-tisħiħ ta' forza tax-xogħol b' ħiliet għolja fil-partijiet kollha tal-katina ta' valuri

Il-forza tax-xogħol tal-UE għandha kwalifiki għolja iżda l-ħiliet speċjalizzati relatati mal-batteriji huma neqsin, speċjalment fir-rigward tat-tfassil tal-proċess applikat u l-manifattura taċ-ċelloli. Jenħtieġ li jittieħdu azzjonijiet fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri biex titnaqqas id-diskrepanza fil-ħiliet.

²¹ <https://ec.europa.eu/digital-single-market/fet-flagships>. L-Azzjoni Ewlenija fil-fażi preparatorja għandha titlesta sa Q4/2018 u l-iffinanzjar għandu jibda taħt il-programm qafas li jmiss għar-riċerka u l-innovazzjoni.

²² <https://ec.europa.eu/programmes/horizon2020/en/h2020-section/european-innovation-council-eic-pilot>

²³ Madwar EUR 90 miljun kull sena; l-integrazzjoni ta' batteriji (inkluż ukoll soluzzjonijiet għall-użu mill-ġdid tagħhom u t-trażmissjoni ta' vetturi tan-netwerk) tradizzjonalment tattira lejha l-parti mhux negliġibbli ta' dan il-finanzjament, anki jekk is-sejħiet ikunu newtrali fuq il-livell teknoloġiku. Ir-raggruppament ta' proġetti ta' ħżin u ta' grids intelliġenti (BRIDGE) jmur lil hinn mill-aspetti ta' innovazzjoni teknika u jħares lejn titjib ta' mudelli ta' negozju, kwistjonijiet regolatorji, il-ġestjoni tad-data u l-aċċettazzjoni tal-konsumatur.

²⁴ Ukoll madwar EUR 90 miljun fis-sena, b'ħafna proġetti proposti li jinkludu wkoll elementi ta' ħżin (imsejsa fuq batteriji), anki jekk is-sejħiet ikunu teknoloġikament newtrali.

²⁵ L-Impriżi Konġunti li tnedew skont l-Artikolu 187 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, huma strument legali speċifiku li jimplimenta l-Orizzont 2020 permezz ta' sħubija pubblika-privata (PPP) f'oqsma strateġiċi ewlenin. L-għan tagħhom huwa li jimplimentaw l-attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni biex tizzied il-kompetittività u biex jiġu indirizzati l-isfidi l-kbar tas-soċjetà bl-impenn attiv tal-industrija tal-Ewropa. Is-seba' Impriżi Konġunti li attwalment qed joperaw jimplimentaw partijiet speċifiċi ta' Orizzont 2020 fl-oqsma tat-trasport (CleanSky2, Shift2Rail u SESAR), tat-trasport u l-enerġija (FCH2), tas-saħħa (IMI2), tal-bijoekonomija (BBI) u tal-komponenti u s-sistemi elettroniċi (ECSEL).

Azzjonijiet Ewlenin

Il-Kummissjoni:

- se tidentifika l-ħiliet meħtieġa tul il-katina ta' valuri, filwaqt li jiġu identifikati wkoll mezzi biex jimtela l-vojt u l-iskadenza rilevanti għall-implimentazzjoni. [Q4 2018]
- se tiftaħ l-aċċess għall-laboratorji tal-ittestjar tal-batteriji fl-UE ospitati miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni għall-ħiliet u l-bini ta' kapacitajiet²⁶. Ċentri ta' riċerka oħra se jiġu mħeġġa biex jagħmlu l-istess. [Q4 2018]
- se tippromovi l-batteriji bħala suġġett ewlieni għall-finanzjament fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Kooperazzjoni Settorjali dwar il-ħiliet sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' ħiliet fit-terminu l-qasir u l-medju tul il-katina ta' valuri tal-batteriji²⁷. [2018-2019]
- se taħdem mal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex il-grupp ta' esperti speċjalizzati fil-kimiċi taċ-ċelloli, il-proċessi ta' manifattura, is-sistemi ta' ġestjoni tal-batteriji, eċċ jkunu disponibbli għall-kumpaniji [2018-2019]
- se taħdem mal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jinħolqu rabtiet bejn in-netwerk edukattiv u l-linja pilota Ewropea tan-netwerk biex jinkisbu l-esperjenza u l-għarfien ta' manifattura. [2018-2019]
- se thegħeġ lill-Istati Membri biex jużaw il-fondi tal-Fond Soċjali Ewropew meta jiġu biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' taħriġ għall-professjonisti fil-qasam tal-batteriji. [għaddej bħalissa]
- se tgħin lill-universitajiet u lil istituzzjonijiet oħra tal-edukazzjoni/tat-taħriġ biex jitħejjew korsijiet ġodda ta' lawrja f'kooperazzjoni mal-industrija. [2018-2019]

5. Sostenn għall-katina ta' valuri tal-batteriji sostenibbli — jiġifieri rekwiżiti għall-produzzjoni ta' batteriji sikuri u sostenibbli - bħala mutur ewlieni għall-kompetittività fl-UE

Il-katina ta' valuri tal-batteriji sostenibbli jenħtieġ li tkun integrata tajjeb fl-ekonomija ċirkolari u li tixpruna l-kompetittività tal-prodotti Ewropej. Għalhekk l-UE trid tappoġġa t-tkabbir ta' produzzjoni bi prestazzjoni għolja, sikura u sostenibbli ta' ċelluli ta' batteriji u ta' pakketti/moduli ta' batteriji bl-inqas impronta ambjentali possibbli. Jistgħu jitqiesu diversi strumenti biex jixprunaw ir-rekwiżiti robusti ambjentali u ta' sikurezza li għandhom mnejn jistabbilixxu tendenzi fis-swieq dinjija. Għal dan il-għan, jenħtieġ b'mod partikolari, li jittieħed il-vantaggj sħiħ tal-UE f'dak li għandu x'jaqşam mad-Direttiva tal-Batteriji, li attwalment qed tiġi riveduta, kif ukoll il-qafas tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn, fejn jistgħu jiġu segwiti l-opportunitajiet li jiffasslu qafas innovattiv u regolamentazzjoni li tgħodd għall-ġejjieni.

Prerekwiżit għas-sostenibbiltà fil-katina ta' valuri tal-batteriji Ewropea, b'mod partikolari fil-kuntest tal-ekonomija ċirkolari, huwa li jiġu analizzati fid-dettall il-fatturi determinanti ewlenin għall-produzzjoni ta' batteriji sikuri u sostenibbli.

²⁶ <https://ec.europa.eu/jrc/en/research-facility/open-access>

²⁷ Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Kooperazzjoni Settorjali dwar il-Ħiliet huwa qafas għall-kooperazzjoni strateġika biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' ħiliet fit-terminu l-qasir u l-medju, f'settur ekonomiku partikolari. Il-Pjan ta' Azzjoni bħalissa jiffoka fuq ħames setturi pilota inklużi: is-settur Awtomobilistiku; it-Teknoloġija Marittima; l-Ispazju (il-ġeoinformazzjoni); it-Tessuti, l-Ilbies, il-Ġilda u ż-Żraben (Textile, Clothing, Leather & Footwear, TCLF); u t-Turiżmu. Huwa sr jiġi estiż għal setturi oħra fil-ġejjieni. Huwa ffinanzjat taħt il-programm Erasmus Plus.

Jenħtieġ li dan ikopri wkoll il-katina ta' valuri kollha, mill-provvista sostenibbli u responsabbli ta' materja prima għal proċessi ta' produzzjoni, integrazzjoni tas-sistema u r-riċiklaġġ.

Azzjonijiet Ewlenin

Il-Kummissjoni:

- se tivvaluta l-miri attwali tal-ġbir u tar-riċiklaġġ għal batteriji fi tmiem il-ħajja tagħhom, fil-kuntest tar-reviżjoni tad-Direttiva tal-UE dwar il-Batteriji inkluż l-irkupru ta' materji (il-valutazzjoni mistennija titlesta f' Settembru 2018).²⁸ [Q4 2018]
- se tniedi studju dwar il-fatturi determinanti ewlenin għall-produzzjoni ta' batteriji sikuri u sostenibbli ("ekoloġiċi"). [Q4 2018]

Fuq il-bażi ta' dan:

- se tidentifika l-possibbiltà tal-iżvilupp ta' skema ta' valutazzjoni taċ-ċiklu ta' ħajja standardizzat tal-UE għall-batteriji, b'mod partikolari billi jitqiesu r-riżultati tal-proġett pilota ta' "Impronta Ambjentali tal-Prodott" b'kooperazzjoni mill-qrib mal-industrija²⁹.
- se tippreżenta r-rekwiżiti "tad-disinn u tal-użu" ta' sostenibbiltà tal-batteriji biex il-batteriji kollha jikkonformaw magħhom meta jitqiegħdu fis-suq tal-UE (dan jinkludi valutazzjoni u l-adekwatezza tal-istrumenti regolatorji differenti bħad-Direttiva tal-Ekedisinn u r-Regolament tat-Tikkettar tal-Enerġija u d-Direttiva tal-UE dwar il-Batteriji). [Q4 2018]
- se timmonitorja l-koerenza tal-istrumenti regolatorji differenti (pereż. REACH, id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, eċċ.) biex ikun żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern għall-batteriji, għall-iskart ta' batteriji, u għal materji miksuba minn batteriji reċiklati.
- se tavvanza l-interazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u mal-korpi ta' standardizzazzjoni Ewropej biex jiżviluppaw standards Ewropej li jippermettu l-produzzjoni sostenibbli, sikura, u l-użu (mill-ġdid) u r-riċiklaġġ ta' batteriji, fost l-oħrajn permezz tal-użu ta' riċerka prenormattiva. [2018-2019]
- se tanalizza kif l-aħjar jiġi promoss l-użu mill-ġdid tagħhom ta' batteriji avvanzati u l-użu ta' batteriji bidirezzjonali [Q4 2019]
- se tippromwovi l-provvista etika ta' materja prima għall-batteriji industrijali. [Q1 2019]

6. L-iżgurar ta' konsistenza ma' qafas usa' regolatorju u ta' abilitazzjoni

Minħabba fil-katini ta' valur dinjija, il-batteriji jeħtiġilhom ikunu element importanti fir-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mal-imsieħba kummerċjali dinjija tagħha.

Skont l-Unjoni tal-Enerġija, u b'mod partikolari taħt l-Istrateġija ta' Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha u l-Istrateġija għall-Mobbiltà b'Emissjonijiet Baxxi, il-Kummissjoni adottat ukoll firxa wiesgħa ta' proposti u miżuri ta' abilitazzjoni biex jitħaffef l-użu ta' enerġija rinnovabbli u nadifa, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħżin tal-enerġija u l-elettromobbiltà. Il-finalizzazzjoni rapida fil-livell tal-UE u l-implimentazzjoni mħaffa u ambizzjuża fil-livell nazzjonali ta' dawn il-miżuri min-naħa tal-provvista u tad-domanda jistgħu jstimulaw u jneħħu l-ostakoli għall-istabbiliment ta' "ekosistema" innovattiva, sostenibbli u kompetittiva għall-batteriji fl-UE.

²⁸ Id-Direttiva 2006/66/KE, ĠU L 266, 26.9.2006, p. 1.

²⁹ jiġifieri tajba għall-modalità operattiva Grid-to-Vehicle u Vehicle-to-Grid.

Il-Kummissjoni:

- se timmonitorja u tindirizza prattiki inġusti f'pajjiżi terzi, bħalma huma s-sussidju ta' materja prima jew inputs ta' produzzjoni oħra, permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri tal-UE tal-Istrumenti għad-Difiża Kummerċjali. Jekk il-kundizzjonijiet legali jkunu ssodisfati, il-Kummissjoni tista' tniedi investigazzjonijiet kontra d-dumping u / jew kontra s-sussidji bil-ħsieb li jiġi ddeterminat jekk l-adozzjoni ta' miżuri ta' difiża kummerċjali jkunux iġġustifikati. [għaddej bħalissa]
- se timmonitorja u tittratta l-aċċess għas-suq id-disorsjonijiet / l-ostakli billi tkompli – f'konformità mal-Istrateġija tal-UE tal-Aċċess għas-Suq – tiffoka fuq l-ostakli tal-pajjiżi terzi u tal-investment u tneħħihom fis-setturi awtomobilistiċi u setturi oħra rilevanti għall-batteriji³⁰. [2018-2019]
- se tiżgura konsistenza bejn ir-regoli ta' oriġini għal vetturi tal-elettriku u taċ-ċelluli tal-batteriji fil-qafas tal-politika kummerċjali esterna tal-UE billi tipprevedi li n-negozjati għal Ftehim ta' Kummerċ Ħieles li jkopri r-regoli ta' l-oriġini għal karozzi elettriċi u / jew batteriji jikkunsidraw bis-sħiħ l-iżvilupp tal-produzzjoni u l-kummerċ ta' karozzi elettriċi u batteriji. [2018-2019]
- se tiżgura li l-politika tal-UE / l-qafas regolatorju usa' jindirizza/tindirizza b'mod koerenti t-tħassib emerġenti ambjentali, dwar il-bniedem, u s-saħħa tal-bniedem marbuta mal-batteriji u li din / dan iwassal / twassal għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' innovazzjoni fit-teknoloġiji l-ġodda tal-batteriji [attwali].

u tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jadottaw mingħajr dewmien:

- Id-Direttiva riveduta dwar il-Vetturi Nodfa
- l-istandards il-ġodda ta' emissjonijiet tas-CO₂ għall-karozzi u l-vannijiet, u l-vetturi tqal
- it-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (Renewable Energy Directive, RED II)
- ir-riformulazzjoni tar-Regolament u tad-Direttiva dwar is-Suq tal-Elettriku

u se taħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex:

- jiżguraw traspożizzjoni f'waqtha u implimentazzjoni effettiva ta' din il-leġiżlazzjoni u tad-Direttiva emendata dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-użu tal-Enerġija
- iħaffu l-implimentazzjoni tal-Infrastruttura tal-Fjuwil Alternattiv, kif rakkomandat fil-Pjan ta' Azzjoni u appoġġati mill-implimentazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa

III. Konklużjonijiet u l-passi li jmiss

Il-Kummissjoni tistieden

lill-partijiet ikkonċernati industrijali tal-UE li qed jipparteċipaw fl-“Alleanza Ewropea tal-Batteriji” biex:

³⁰ Dan se jsir permezz ta' pjattaformi prinċipali ta' koordinazzjoni li diġà jeżistu bħall-Kumitat Konsultattiv dwar l-Aċċess għas-Swieq (Market Access Advisory Committee - MAAC) u Gruppi ta' Ħidma esperti (Market Access Working Groups, MAWG) fi Brussell, kif ukoll it-Timijiet tal-Aċċess għas-Swieq (Market Access Teams, MATs) fil-post f'pajjiżi terzi.

- imexxu 'l quddiem u jimplimentaw l-iniżjattivi u l-proġetti mmexxija mill-industrija³¹ biex tiġi stabbilita katina kompetittiva tal-valur tal-batteriji fl-Ewropa.

lill-Istati Membri parteċipanti biex:

- iżidu s-sostenn tagħhom għal proġetti mmexxija mill-industrija relatati mal-manifattura taċ-ċelloli tal-batteriji jew partijiet oħra tal-katina tal-provvista bl-użu ta' strumenti nazzjonali u / jew mekkaniżmi ta' finanzjament xierqa tal-UE li għalihom huma responsabbli (jiġifieri fondi strutturali), kif xieraq.
- jissimplifikaw u jaċċelleraw il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni u ta' permessi (ambjentali, tal-manifattura, tal-kostruzzjoni) għal linji pilota u proġetti industrijali rilevanti.

Il-Kummissjoni se tkompli taħdem fi sħubija kemm mal-Istati Membri interessati kif ukoll mal-industrija fil-qafas tal-Alleanza Ewropea tal-Batteriji biex jinżamm il-momentum u jiġi żgurat li dawn l-azzjonijiet jiġu implimentati f'konformità ma' dati ta' skadenza, u li jinkisbu riżultati tanġibbli permezz ta' dan.

Il-Kummissjoni se toħroġ rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-pjan ta' azzjoni strateġiku fl-2019.

³¹ L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) Inno-energy <http://www.innoenergy.com/eit-innoenergys-role-within-the-european-battery-alliance/>